MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 187/1994/1

**Louis Fava**

**vs**

**L-Avukat Dottor Philip Attard Montalto u Anthony S. Fournier ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` "B. Tagliaferro and Sons Limited u b'digriet tat-12 ta' Mejju, 1994 Malica Micovic u Carlo Sant Fournier bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` B.Tagliaferro & Sons Ltd intervenew fil-kawza fil-kwalita`**

**taghhom premess.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Frar, 1994 l-attur ppremetta li huwa agixxa bhala sensar, ghal bejgh tat-teatru maghruf bl-isem "Radio City Opera House" f'numru 815 u 816, St. Joseph High Road, Hamrun, li ghandu entraturi ohra kif suggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' LM120, tant li in effetti tali teatru inbiegh mis-socjeta` konvenuta lil Malta Labour Party permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Cilia datat 30 ta' Ottubru, 1992, versu l-prezz hemm stipulat; illi nonostante li l-attur interpella lis-socjeta` konvenuta permezz ta' ittra legali datata 20 ta' Mejju, 1992 u ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru, 1992, il-konvenuti nomine baqghu inadempjenti u ma hallsux; ghalhekk talab li dik il-Qorti:-

**1.** tiddikjara u tiddecidi li l-attur irrenda lis-socjeta` konvenuta servigi u prestazzjonijiet bhala sensar, liema servigi u prestazzjonijiet bhala sensar finalment wasslu ghat-trasferiment tat-teatru maghruf bhala "Radio City Opera House" f'numri 815 u 816, St. Joseph High Road, Hamrun mill-polza (sic) tas-socjeta` konvenuta lill-Malta Labour Party, u ghalhekk tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija tenuta li thallas lill-istess attur kumpens ghall-istess servigi ta' sensar minnu lilha resi;

2. tillikwida l-kumpens u l-valur ta' servigi bhala sensar mill-attur lill-socjeta` konvenuta, li wasslu ghat-trasferiment tal-fond "de quo" okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dak l-ammont hekk likwidat ai termini tat-tieni domanda ta' din ic-citazzjoni bhala reappresentanti l-valur ta' servigi bhala sensar resi mill-attur lill-konvenuti nomine kif fuq inghad.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' Mejju, 1992 u ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru, 1992 kontra l-konvenuti nomine ngunti personalment ghas-subizzjoni.

B'nota tal-4 ta' April, 1994 il-konvenuti nomine eccepew:-
1. Illi d-ditta konvenuta qatt ma nkarigat lill-attur dwar il-bejgh tar-Radio City Opera House, u l-attur ma irrenda ebda servizz lid-ditta konvenuta.
2. Illi t-talbiet kollha ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tal-1 ta' Marzu, 2001 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi wara li laqghat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine cahdet it-talbiet attrici kif dedotti bl-ispejjes gudizzjarji kontra l-attur u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
"*Li l-Malta Labour (Party) Club kien interessat li jkollu kwartieri generali godda. Skond l-allura deputat kap ta' dan il-partit politiku, ix-xhud Onorevoli Joseph Debono Grech, dan is-suggett kien gie diskuss mill-amministrazzjoni tal-istess partit u gie avvicinat membru parlamentari laburista iehor, jigifieri John Dalli, biex jinstab post adattat. Fost diversi postijiet issemma' r-Radio City Opera House tal-Hamrun. Dan il-post kien jitmexxa, x'aktarx fil-vesti ta' inkwilin, (certament mhux bhala sid il-fond) minn certu Sunny Baldacchino. Skond Debono Grech, il-kollega tieghu John Dalli ssugerielu li jkun ahjar li jkellmu l-ewwel lil Louis Fava, cjoe` l-attur, skond Dalli, "ghaliex Fava jafu sew lil Baldacchino u jaghmel it-trattativi hu."*

*Skond ix-xhud Debono Grech, hekk sar u wara li allura 'qabbdu' lill-attur 'biex jaghmel it-trattativi mas-Sur Sunny Baldacchino', dan gabilhom prezz u hadu hsieb ikellmu perit biex jippjanta l-fond* <u>*de quo.*</u>*Dejjem skond dan ix-xhud, l-attur kien semmielhom li s-socjeta` konvenuta kienet lesta li tbiegh ghall-prezz ta' LM200,000. Dan kollu gie korroborat minn John Dalli, jigifieri fis-sens (ara fol. 53) li huma kienu jkellmu,*

*“dejjem lis-Sur Fava u s-Sur Fava kien qed jitkellem ma’ Sunny Baldacchino.”*

*Dawn il-proceduri ma tkomplewx bl-involviment tax-xhieda Debono Grech u Dalli ghaliex nel frattemp saret Elezzjoni Generali u la wiehed u lanqas l-iehor ma baqghu implikati fihom aktar.*
*L-attur jikkonferma dawn il-fatti u jghid li ghadda ‘l-figura’, ossia l-prezz mitlub mill-vendituri lid-dirigenti tal-Partit Laburista. Qal ukoll li nel frattemp ha hsieb iqabbad lil certu Martin Camilleri, ‘interior designer’ (li pero` ma xehedx), biex jaghmel xi disinji. Huwa ma giex avvicinat aktar mill-Partit Laburista u kellu “jisma’ minn nies li l-Partit Laburista rega’ fetah in-negozjati ghall-akkwist ta’ dan it-teatru” (fol 30). F’ebda hin ma jsemmi l-attur li qatt avvicina lis-socjeta` konvenuta direttament. Hu tkellem dejjem ma’ Sunny Baldacchino. Min-naha tieghu, Sunny Baldacchino filwaqt li jikkonferma li kien gie avvicinat minn Louis Fava, dan fil-bidu kien qallu biss li kellu “xi nies interessati fir-Radio City biex jixtru.” U jghid specifikatament li lanqas qallu l-attur ghal min kien qieghed jidher (fol. 59). Baldacchino xehed li lil Dr. Philip Attard Montalto, dak iz-zmien rapprezentat tas-socjeta` konvenuta, kien semmielu li l-attur kien qieghed jagixxi ta’ sensar.*

*Skond ix-xhieda moghtija mill-Avukat Dottor Karmenu Mifsud Bonnici, kien l-attur il-bniedem “li pprova jinteressa lill-partit u anke ha sehem f’diskussjonijiet interni fil-partit, biex il-partit ikun jista’ jakkwista r-Radio City minghand, mhux Tagliaferro, minghand iva nahseb Tagliaferro Estate”. Illi filwaqt li dan ix-xhud ghamilha cara li kien hemm involviment da parti tal-attur, fl-istess waqt il-Qorti irriskontrat diversi varjazzjonijiet max-xhieda l-ohra f’dawk li huma dettalji dwar fatti, xi uhud mil-liema huma ta’ certu riljev. Debono Grech u Dalli jghidu li kienu huma li avvicinaw lill-attur u mhux bl-invers. Hadd ma jsemmi l-involviment ta’ John Buttigieg hlief ix-xhud Dottor Mifsud Bonnici. F’kull kaz jigi rilevat li ghal Dottor Mifsud Bonnici, ghalkemm kien involut dak iz-zmien bhala wiehed mid-dirigenti ewlenin tal-Partit Laburista, hu personalment*

*lanqas kien hass li kellha tinghata xi preferenza lir-Radio City Opera House ghax hu kien "aktar qed (j) insisti fuq 'site' iehor." Min-naha l-ohra mbaghad hemm cahda kategorika ta' kull involviment minn naha tal-attur, u cjoe` minn dak illi jemergi mid-depozizzjonijiet jew affidavits ta' Anthony Sant Fournier, Milica Micovic, l-Avukat Dottor Philip Attard Montalto ghas-socjeta` konvenuta kif ukoll mill-Avukat Dottor George Abela li effettivament jghid li fetah hu negozjati 'ex novo' mal-konvenuti u wassal dawn sal-final.*
*]*
*Ikkunsidrat li ghalkemm mill-provi prodotti jirrizulta li fil-parti inizjali involviment tassew li kien hemm da parti ta' l-attur f'dawk li huma prestazzjonijiet favur <u>wahda</u> mill-partijiet involuti fit-trasferiment tal-fond <u>de quo,</u> fl-istess waqt pero` jidhrilha wkoll li tali nvolviment mhux biss ma kienx bizzejjed biex iwassal ghan-ness tal-ftehim finali milhuq bejn il-partijiet involuti fil-kuntratt surriferit <u>imma li f'kull kazi tali prestazzjonijiet ma sarux ukoll a favur tas-socjeta` konvenuta</u> kif invece pretiz mill-attur. Apparti li l-proceduri jew trattativi inizjali jidhru li f'certu stadju waqfu u regghu bdew <u>mill-gdid</u> min-nies differenti, ghal dik li jirrigwarda l-Partit Laburista, jibqa' l-fatt li <u>f'ebda waqt ma jirrizulta ness</u> bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta. Di fatti minn ezami akkurat tal-provi ghandu jirrizulta li probabilment ix-xhud Sunny Baldacchino kien gab a konjizzjoni tal-vendituri l-isem ta' l-attur biss bhala xerrej prospettiv u mhux bhala s-sensar. Kien <u>wara</u> li regghu nfethu u mxew 'il quddiem in-negozjati u kienu waslu fil-final li Baldacchino jghid li identifika lill-attur bhala sensar. Li ma kienx hemm rikonoxximent jew kuntratt dirett bejn il-partijiet kontendenti johrog b'mod car hafna mill-provi."*

Wara dan l-ewwel qorti rriproduciet siltiet mix-xhieda mressqa mill-partijiet biex tenfasizza dak li kienet qalet fil-korp tas-sentenza u in sostenn tal-konkluzzjonijiet taghha.

**L-appell tal-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u b'rikors ppresentat fil-21 ta' Marzu, 2001 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, is-sentenza tal-1 ta' Marzu,

2001 tigi mhassra u revokata minn din il-Qorti b'dan illi tichad l-eccezzjonijiet kollha (tal-) konvenuti u tilqa' t-talbiet tal-attur taht dawk il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Fir-risposta taghha s-socjeta` konvenuta appellata filwaqt li ssottomettiet li s-sentenza appelata hija gusta u timmerita konferma, talbet li l-appell interpost mill-attur jigi michud. Inoltre l-istess socjeta` appellata talbet li jigu applikati fil-konfront tal-attur appellant is-sanzjonijiet previsti mill-ligi in kwantu l-appell huwa kompletament frivolu u vessatorju.

**Ikkunsidrat:**

Minn qari tar-rikors tal-attur jidher li dan qed iressaq aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata. Dan l-aggravju hu fis-sens li biex waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha fejn cahdet it-talba attrici l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti, billi fi kliem ir-rikors promotur "*l-fatti jitkellmu wahedhom fejn: l-appellant zgur illi kellu involviment fit-trattattivi, is-servigi rezi allura jirrizultaw u huma dovuti minghajr dubbju; il-kontribut u x-xoghol li ippresta l-appellant mhux biss sehh u kien utili izda wassal ghall-konkluzzjoni felici, il-ftehim sar il-kuntratt gie iffinalizzat u l-konvenut thallas a pjena sodisfazzjoni.*"

F'dawn il-procedura jidher car li l-attur qed jitlob kumpens ghal "*servigi u prestazzjonijiet* (rezi) *bhala sensar*", liema servigi u prestazzjonijiet wasslu, skond l-attur appellant, ghat-trasferiment tal-fond fuq imsemmi. Mhux kkontestat li l-attur kien b'xi mod involut minn naha tal-Partit Laburista fl-akkwist tal-fond in kwistjoni. Infatti l-attur kien gie avvicinat mill-Onor. Joseph Debono Grech u l-Onor John Dalli biex, skond dawn ix-xhieda, wara l-approvazzjoni tal-amministratzzjoni tal-Partit, jmexxi n-negozjati. Pero` ghalkemm l-attur, fuq l-inkariku lilu moghti, avvicina lil Sunny Baldacchino, gja inkwilin tal-fond, ma jirrizultax li qatt kellem lir-rappresentanti tas-socjeta` konvenuta u anqas u anqas ma jirrizulta li ppartecipa fit-trattativi biex jintlahaq ftehim. Skond il-gruisprudenza nostrana, kif korretament irrilevat is-socjeta` konvenuta appellata,

sabiex persuna tkun intitolata ghas-senserija jrid jirrizulta li:-
a) l-intromissjoni tal-medjatur tkun accettata miz-zewg nahat, anke tacitament; u
b) illi bhala rizultat ta’ l-opera tal-medjatur isir il-ftehim bejn il-partijiet.

Fis-sentenza tal-10 ta’ Jannar, 1950 moghtija mill-Onor Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet “Lewis Camilleri vs Spiridione Mizzi” jinghad espressament hekk fir-rigward: “*Biex persuna tkun intitolata titlob senserija, prossenetiku, jehtieg, fost affarijiet ohra, li l-intromissjoni taghha tkun giet rikjesta, jew almenu accettata, sija pure tacitament, miz-zewg kontraenti; jigifieri hemm bzonn li l-partijiet ikunu nkarikaw, jew almenu accettaw, is-sensal bhala tali.*” Ta’ interess partikolari ghall-kaz sottoezami dik il-Qorti kompliet hekk: “*Meta ma jirrikorrux l-elementi tas-senserija, allura l-persuna li tkun intromettiet ruhha b’inkarigu ta’ wahda mill-partijiet, tista’ jkollha jedd ghall-kumpens bhala lokatrici d’opera. Ghaldaqstant* ” tkompli l-istess sentenza “*ma jistax ikun hemm lok la ghal senserija u lanqas ghal kumpens bhala mandatarju retribwibili, meta ma jkunx hemm inkariku jew accettazzjoni tas-servigi.*”

Fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta’ Marzu, 1952 fil-kawza “Carmelo Pace vs Josephine sive Fanny Tabone Valletta” il-Qorti ssottolineat li “*Biex ikun hemm dritt ghall-prossenetiku hemm bzonn li l-medjatur ikun adopera ruhu b’mod li jkun laqqa’ l-kunsens tal-partijiet dwar is-sostanzjali u l-accidentali tal-kuntratt.*”

Fil-kaz in ezami l-attur appellant qed jghid li huwa gie nkarigat minn Joseph Debono Grech u John Dalli, deputati parlamentari tal-partit laburista, biex jmexxi t-trattativi ghall-akkwist tal-Radio City Opera House billi dan is-sit kien mehtieg mill-partit biex jsir l-Headquaters tal-Parit Laburista. Effettivament jidher li l-attur appellant kellem lil Saviour Baldacchino, gia inkwilin tal-fond in kwistjoni u anke, skond l-istess attur, issemmiet cifra ghall-akkwist tal-fond. Mhux kkontestat pero`, li l-istess attur qatt ma avvicina jew kellem lis-sidien tal-fond u cioe` s-socjeta` konvenuta, li ghalhekk dawn certament qatt ma

setghu tawh xi inkariku – il-komunikazzjonijiet li kellu ma Baldacchino qatt ma jistghu jammontaw ghall-accettazzjoni tal-intromissjoni tieghu da parti tas-socjeta` konvenuta billi fl-ewwel lok Baldacchino ma kellu ebda relazzjoni mas-socjeta` konvenuta, anzi kellu interess konfliggenti ma dik l-istess socjeta` in kwantu, qua inkwilin, kellu interess li jakkwista xi haga minn dan in-negozju. Fit-tieni lok u kif jghid l-istess Dr. Attard Montalto, meta Fava issemma' lilu minn Baldacchino, dan gie indikat bhala akwirent prospettiv. Oltre dan il-prezz li allegatament issemma qatt ma gie accettat mis-sidien, sew minhabba l-fatt li kien baxx hafna, kif ukoll minhabba l-fatt, kif jghid Dr. Attard Montalto, hu ma setax jindika prezz sakemm l-istess Baldacchino jirrinunzja ghal-lokazzjoni vigenti favur tieghu. Fl-ahharnett huwa wkoll inkontestat li l-attur qatt ressaq il-partijiet flimkien jew ippartecipa fin-negozjati biex dawn jaslu ghall-akkordju finali li mmaterjalizza bil-pubblikazzjoni tal-kuntratt tat-30 ta' Ottubru, 1992.

Minn dan kollu jidher li ghalkemm l-attur seta` inghata nkariku mill-Partit Laburista dan qatt ma qeghda l-obbligi imposti fuq sensal biex jiggustifika d-dritt ghas-senserija. Dan jista` jwassal ghal xi dritt tal-attur fil-konfront tal-Partit Laburista, pero` certament ma jistax jghati xi drittijiet lill-attur kontra s-socjeta` konvenuta taht l-istitut tas-senserija, kif premess fic-citazzjoni billi ma hemm ebda ness bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta u l-kuntratt finali ta' akkwist da parti tal-Paritii Laburista. Din il-Qorti ghalhekk tirritjeni li l-attur ma ssodisfax r-rekwiziti mehtiega biex t-talba tieghu ghas-senserija tista` tirnexxi u ghalhekk l-appell mhux gustifikat u ghandu jigi michuda.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------